MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 450/2007

Kawza fil-lista: 24

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Victor Bugeja**
**nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri C**
**li twieldet fit-28 ta' Settembru 2007, D E**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

1. Illi fis-16 ta' Awwissu 2003, l-esponenti zzewweg lil konvenuta D E (Dok. A).

2. Illi l-esponenti u l-konvenuta D E fl-24 ta’ Mejju 2007, isseparaw legalment b’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono (Dok. B).

3. Illi fit-28 ta’ Settembru, 2007, twieldet il-minuri C, liema minuri giet registrata bhala l-wild naturali tal-esponenti, hekk kif jirrizulta mic-certifikat ta’ twelid anness u mmarkat bhala Dok. C.

4. Illi l-minuri C m’ hijix il-bint naturali tal-esponenti.

5. Illi l-istess konvenuta D E ikkonfermat li l-minuri C m’ hijix il-bint naturali tal-esponenti.

6. Illi l-esponenti ma jridx li jibqa’ jigi indikat bhala missier il-minuri C.

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:

1. Tiddikjara li l-minuri C li twieled fit-28 ta’ Settembru 2007, m’ hijix il-wild naturali tal-esponenti.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-minuri C li twieldet fit-28 ta’ Settembru, 2007, fis-sens li jitnehhew il-konnotati kollha tal-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta’ din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jitlob li jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kkancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta’ omm it-tarbija u in oltre il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi fit-talbiet attrici ghandu jigi specifikat in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-Att tat-Twelid li huwa 3212 tas-sena 2007.

4. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha ddikjaraw li huma m’ humiex edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri kemm-il darba huma jigu edotti mill-fatti;

Rat in-nota ta’ amissjoni prezentata mill-konvenuta D E;[1]

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-esperti l-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar, minnhom debitament mhaluf;[2]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-guramenti;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla C li twieldet

---

[1] Fol.40

[2] Fol.49 *et seq.*

fit-28 ta’ Settembru 2007, u registrata fuq ismu bhala il-missier, fl-Att tat-Twelid taghha bin-numru 3212/2007, mhijiex il-wild naturali tieghu; u ghalhekk talab il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-istess certifikat.

**Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li l-attur u l-konvenuta D E kienu zzewgu fis-16 ta’ Awissu 2003, u sseparaw de facto f’ Jannar 2006. F’ Lulju ta’ din l-istess sena, il-konvenuta E bdiet relazzjoni ma’ terza persuna, u f’ Novembru ta’ l-istess sena bdiet tikkonvivi mieghu. Fit-28 ta’ Settembru 2007 twieldet il-minuri C minn din ir-relazzjoni.

Illi fix-xhieda taghha l-konvenuta E ikkonfermat li minn Jannar 2006 hi ma kellhiex relazzjonijiet intimi ma’ zewgha l-attur; u dan jinsab konfermat mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li jikkonfermaw li l-minuri mhijiex il-wild naturali ta’ l-attur; u ghalhekk it-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 70[1][d] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li l-minuri C li twieldet fit-28 ta’ Settembru 2007 m’ hijiex il-wild naturali ta’ l-attur; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 3212/2007 billi jigi kancellat mill-imsemmi att l-isem ta’ l-attur u l-konnotati tieghu, u minnflok jigu nseriti l-kliem “missier mhux maghruf”.

L-ispejjez kollha, inkluzi dawk tar-rapport ta’ l-esperti, ghandhom jikunu a kariku tal-konvenuta D E.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------